MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-5 ta' Frar, 2004

Avviz Numru. 44/1998/1

Saviour Cassar .

vs

Josef Camilleri .

Il-Qorti ,

Rat l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab lill-konvenut, prevja okkorrendo d-dikjarazzjoni illi huwa responsabbli ghall-incident li gara fuq MV Ghawdex fid-29 ta' Jannar, 1998, meta habat bil-vettura misjuqa minnu BBF 935 fit-truck tal-attur numru JAX 715 minhabba illi naqas josserva r-regolamenti tat-traffiku u saq l-istess vettura b'negligenza u traskruragni, huwa jigi kkundannat ihallas lil-attur id-danni sofferti minnu per konsegwenza tal-incident imsemmi, liema danni jinkludu hsarat da likwidarsi fl-istess truck.

Bl-ispejjqz inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-20 ta' Frar, 1998 kontra tieghu, u bl-ingunzjoni ghas-suvizzjoni .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa illi d-domandi attrici huma nfondati fil-jedd u fil-fatt billi huwa ma kien involut f'ebda incident awtomobilistiku kif allegat mill-attur .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-digriet taghha ta' l-20 ta' Mejju 2003 fejn halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda prodotti u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawza l-attur qed titlob dikjarazzjoni ta' responsabilita' tal-konvenut ghall-incident li allegatament gara fuq il-vapur MV Ghawdex fid-data ndikata u li fih il-vettura tieghu garrbet xi hsarat u l-kundanna ta' l-istess konvenut ghall-hlas tad-danni kkagunati .

L-attur, bhala sid il-vettura, ma kienx prezenti x'hin suppost sehh l-incident li jsostni li gara fuq il-vapur t'Ghawdex hekk kif kienu ser jibdew jinzlu l-vetturi minn fuqu mal-wasla tieghu fil-port ta' l-Imgarr, wara li telaq minn Sa Maison .  Infatti dan it-truck zghir ma kienx akkumpanjat minn sewwieq waqt il-vjagg tal-vapur . Induna bil-hsara li kien hemm fuq in-naha ta' quddiem tat-truck, impjegat ta' l-attur li nizel ix-Xatt jigbor it-truck bhal ma jaghmel is-soltu .  Il-konvenut, li kien qed isuq truck kbir jirmonka *trailer* (bowser) warajh, proprjeta' ta' kumpanija ta' certu Anton Vella, u li fuq dak il-vjagg kien ipparkjat ezattament wara t-truck ta' l-attur, jichad kategorikament li b'xi mod kien involut f'xi incident li seta' rrizulta fi  hsarat fil-vettura ta' l-attur .

Xhieda okulari ta' l-incident allegat ma kienx hemm .  L-unika xhud li seta' jaghti xi hjiel ta' x'setgha gara, kien certu Pawlu Ciantar li fuq l-istess vjagg kien bilqeghda fit-truck tieghu, ipparkjat quddiem dak ta' l-attur . Huwa

stqarr illi hekk kif qabbad il-magna tat-truck tieghu sabiex ihejji halli jinzel minn fuq il-vapur, ihoss daqqa fuq in-naha ta' wara tat-truck tieghu . Huwa ma nkwetax wisq ghax it-truck tieghu kien kbir u ghalhekk ma setghax sofra ebda danni sostanzjali . Infatti lanqas nizel mit-truck tieghu biex jara sewwa x'kien gara, u baqa' sejjer[1] .

Michael Cremona, li nizel biex jigbor it-truck ta' l-attur minn fuq il-vapur, hekk kif induna bil-hsara ghamel rapport lis-surgent Michael Abela li kien *duty* ix-Xatt[2] . Meta s-surgent kellem lil Ciantar u saqsieh setghax irreversja it-truck tieghu fuq il-vapur u baqa' diehel fuq il-vettura ta' l-attur, dan innega . Ciantar spjegalu kif hass id-daqqa fuq wara huwa u jipprepara biex jinzel minn fuq il-vapur u kif x'aktarx kien is-sewwieq tat-truck li kien hemm ezattamnet wara t-truck ta' l-attur, li baqa' diehel fuq l-istess truck, caqalqu 'l quddiem u b'hekk dan ta' l-ahhar laqghat lil tieghu . It-truck ta' l-attur ma kellux hsarat fuq in-naha ta' wara, ghax wara l-kaxxa kien hemm hadida qisha travu, minflok *bumper* . Imma fuq din il-hadida travu kien hemm taghtina u x'hin is-surgent ikkontrolla t-truck misjuq mill-konvenut, innota illi dan kellu holqa mdaqqsa fuq in-naha tax-xellug ta' quddiem tieghu, li tintuza ghall-irmonk, illi setghet ikkagunat it-taghtina fuq din il-hadida[3] .

Sinjifikanti ghas-soluzzjoni ta' dan il-kaz huwa l-fatt illi proprju l-jum sussegwenti ghal dak li fih li suppost gara dan l-incident, truck tal-marka AEC proprjeta' tal-kumpanija li maghha kien jahdem il-konvenut iddahhal ghat-tiswija fuq il-*clutch*, wara li gie rmonkat mix-Xatt ta' l-Imgarr . Dan xehdu Baskal Farrugia, l-istess *mechanic* li hadem fuq dan it-truck[4] . Irrizulta li dakinhar tad-29 ta' Jannar 1998 il-konvenut kien qed isuq truck ta' dan it-tip fuq l-M.V. Ghawdex . Ghalkemm il-konvenut qal li l-kumpanija li kien jahdem maghha kellha truck iehor ta' dan it-tip, in kontro-ezami ma cahadx li kien dan it-truck li

---

[1] Ara depozizzjoni ta' Pawlu Ciantar tat-8 ta' Ottubru 1999 a fol. 29 - 34 tal-process .

[2] ara depozizzjoni ta' Michael Cremona tal-5 ta' frar 1999 a fol. 15 – 25 .

[3] Ara depozizzjoni surgent Michael Abela tat-8 ta' Ottubru 1999 a fol. 36 .

[4] ara depozizzjoni Baskal Farrugia tal-24 ta' Marzu 2000 a fol. 42 – 43 .

garrab hsara fil-*clutch*[5] *.* Inoltre t-truck ingabar mix-Xatt proprju l-ghada filghodu li kien is-Sibt, meta huwa maghruf li mhux soltu kienu jsiru vjaggi minn Sa Maison, u fi kwalunkwe kaz, anke jekk sar tali vjagg il-vapur ma kienx jirritorna qabel wara nofsinhar .

Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk irrizultaw bizzejjed fatturi li jaghtu ndikazzjoni tajba li tezisti probabilita' kbira illi dak li qed jallega l-attur fil-fatt tassew gara . Hemm id-daqqa li hass fuq in-naha ta' wara tat-truck tieghu Pawlu Ciantar . Hemm il-hsara kbira fuq in-naha ta' quddiem fit-truck ta' l-attur, appuntu ghax baqa' diehel go truck kbir, u t-taghtina fuq il-hadida fin-naha ta' wara, ikkagunata bil-holqa fuq in-naha ta' qudfiem tat-truck misjuq mill-konvenut . Fuq kollox hemm il-hsara fil-*clutch* fl-istess truck, u x'aktarx kienet din l-istess hsara li ma ppermettietx it-truck ikompli bil-vjagg tieghu mix-Xatt dakinhar li wasal minn Malta, li gieghlet li dan it-truck jiehu skoss 'l quddiem, jolqot it-truck ta' l-attur u jimbuttah fuq dak ta' Pawlu Ciantar .

Rigward il-konsistenza tad-danni l-attur ipproduca zewg ircevuti dwar l-ispejjez inkorsi biex saru t-tiswijiet relattivi fl-ammont totali ta' erba' mija tnejn u disghin lira maltija u erbghin centezmu (Lm492.40)[6] . Ma' dawn gew esebiti wkoll l-ircevuti fiskali relattivi . L-attur ikkonferma dawn l-ispejjez fid-depozizzjoni tieghu . Ma gewx ikkontestati mill-konvenut, u din il-Qorti, in vista wkoll tal-konsistenza tad-danni reklamati, ma ssib ebda raguni ghaliex m'ghandhiex taccettahom bhala li tasew jirrapprezentaw l-ispejjez inkorsi mill-attur fit-tiswija tal-vettura tieghu .

Ghal dawn il-motivi tiddecidi l-kawza billi, filwaqt illi tichad l-eccezzjoni tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici, tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-hsarat ikkagunati fil-vettura ta' l-attur fl-incident mertu ta' dan l-Avviz, tillikwida d-danni kkagunati fl-ammont totali ta' erba' mija tnejn u disghin lira maltija u erbghin centezmu (Lm492.40) u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur l-ammont hekk likwidat .

[5] ara depozizzjoni konvenut a fol. 63 .

[6] ara ircecvuti relattivi annessi ma' l-Avviz prezenti a fol.4 u 5 tal-process.

Bl-ispejjez kontra l-istess konvenut .
S4498

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------